

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/959**tas-17 ta' Mejju 2016**

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għal sondaġġi tas-suq għar-rigward tas-sistemi u l-mudelli ta' notifika li għandhom jintużaw minn parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar u l-format tar-rekords f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(10) tiegħu.

Billi:

- (1) Parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar għandhom iżommu r-rekords tal-komunikazzjonijiet tal-informazzjoni li jkunu qegħdin isiru għall-iskopijiet tas-sondaġġi tas-suq bejniethom u l-persuni kollha li jirċievu s-sondaġġi tas-suq. Tali rekords għandhom jassistu lill-parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar biex jipprovdu evidenza ta' mġieba xierqa lill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari meta n-natura tal-informazzjoni tinbidel wara s-sondaġġ tas-suq jew meta l-awtorità kompetenti jkollha bżonn tagħmel rieżami tal-proċess tal-kategorizzazzjoni tal-informazzjoni. Għal dak il-għan, kull rekord bħal dan għandu jinżamm f'format elettroniku.
- (2) Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni kkomunikata tkun irreġistrata b'mod konsistenti anki meta jsiru sondaġġi tas-suq matul laqgħat mhux irreġistrati jew konverżazzjonijiet bit-telefon, għandu jtfassal mudell uniformi għall-minuti jew in-noti bil-miktub ta' dawk il-laqgħat u l-konverżazzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-parteċipant fis-suq li jagħmel żvelar.
- (3) Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni kkomunikata tkun reġistrata b'mod konsistenti, il-parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar għandhom iżommu rekords tal-komunikazzjonijiet bil-miktub li jinfurmaw lill-persuni li jirċievu s-sondaġġi tas-suq meta l-informazzjoni li tkun żvelata fil-kors tas-sondaġġ tas-suq ma tkunx baqgħet informazzjoni privileġġjata.
- (4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-Kummissjoni.
- (5) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (6) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, huwa neċessarju li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ bħala materja ta' urġenza u li d-dispożizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament japplikaw mill-istess data bħal dawn stipulati fir-Regolamenti (UE) Nru 596/2014.

⁽¹⁾ ĠUL 173, 12.6.2014, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠUL 331, 15.12.2010, p. 84).

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Format elettroniku tar-rekords

Ir-rekords kollha li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/960 ⁽¹⁾ għandhom jinżammu f'format elettroniku.

Artikolu 2

Format għaż-żamma ta' rekords tal-minuti jew in-noti bil-miktub

Il-parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar għandhom ifasslu l-minuti jew in-noti bil-miktub li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 6(2)(d) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960 f'format elettroniku bl-użu ta'

- (a) il-mudell stipulat fl-Anness I fejn parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar jikkunsidraw li s-sondaġġ tas-suq jinvolvi d-ta' informazzjoni privileġġjata;
- (b) il-mudell stipulat fl-Anness II fejn parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar jikkunsidraw li s-sondaġġ tas-suq ma jkunx jinvolvi l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġjata.

Artikolu 3

Format għaż-żamma ta' rekords tad-dejta rigward investituri potenzjali

- 1. Parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar għandhom iżommu rekords tal-informazzjoni li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960 fil-forma ta' listi separati għal kull sondaġġ tas-suq.
- 2. Parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar għandhom iżommu rekords tal-informazzjoni li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960 fil-forma ta' lista unika.

Artikolu 4

Format għall-komunikazzjoni u r-reġistrazzjoni li l-informazzjoni ma tkunx għadha informazzjoni privileġġjata

- 1. Il-parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar għandhom jinfurmaw bil-miktub lill-persuni li jkunu rċevew is-sondaġġi tas-suq li l-informazzjoni divulgata fil-kors tas-sondaġġ tas-suq ma tkunx għadha informazzjoni privileġġjata.
- 2. Il-parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar għandhom jirreġistraw l-informazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1 f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness III.

⁽¹⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/960 tas-17 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għar-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri xierqa għal parteċipanti fis-suq li jagħmlu żvelar li jkunu qegħdin jagħmlu sondaġġi tas-suq (ara l-paġna 29 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

*Artikolu 5***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mit-3 ta' Lulju 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

Mudell għall-minuti u n-noti bil-miktub li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 6(2)(d) tar-Regolament Delegat (UE) (UE) 2016/960 meta tiġi żvelata informazzjoni privileġġjata

Partita	Kaxxa tat-test
i. Identità tal-parteċipant fis-suq li jagħmel żvelar	L-ismijiet <i>sħaħ</i> tal-parteċipant tas-suq li jagħmel żvelar u tal-persuna fi ħdan il-parteċipant fis-suq li jagħmel żvelar li jipprovdi l-informazzjoni u d-dettalji tal-kuntatt użati għall-komunikazzjoni.
ii. Identità tal-persuna li tirċievi l-komunikazzjoni	Isem <i>sħiħ</i> tal-persuna li tirċievi l-komunikazzjoni u d-dettalji tal-kuntatt użati għall-komunikazzjoni
iii. Data u l-ħin tal-komunikazzjoni	Data u l-ħin(ijiet) tal-komunikazzjoni biż-żona tal-ħin speċifikata.
iv. Kjarifika dwar in-natura tal-konverżazzjoni skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960	Rekord tad-dikjarazzjoni li l-komunikazzjoni ssir għall-iskopijiet ta' sondaġġ tas-suq.
v. Konferma tal-identità tal-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq skont l-Artikolu 3(3)(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960	Rekord tal-informazzjoni dwar il-konferma mill-persuna kkuntattjata li l-parteċipant fis-suq li jagħmel żvelar qiegħed jikkomunika mal-persuna fdata mill-investitur potenzjali li jirċievi s-sondaġġ tas-suq.
vi. Kjarifika skont l-Artikolu 3(3)(d) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960 li se tkun komunikata informazzjoni privileġġjata.	Rekord tad-dikjarazzjoni li tikkjarifika li, jekk taċċetta li tirċievi s-sondaġġ tas-suq, il-persuna li tirċievi l-komunikazzjoni tal-informazzjoni sejra tirċievi l-informazzjoni li l-parteċipant fis-suq li jagħmel żvelar jikkunsidra bħala informazzjoni privileġġjata u referenza għall-obbligu stipulat fl-Artikolu 11(7) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.
vii. Informazzjoni dwar l-istima ta' meta l-informazzjoni ma tibqax informazzjoni privileġġjata skont l-Artikolu 3(3)(e) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960	Rekord tal-informazzjoni mogħtija, jekk ikun il-każ, dwar iż-żmien stmat meta jkun mistenni li l-informazzjoni ssir pubblika jew it-tranżazzjoni titnieda, flimkien ma' spjegazzjoni dwar għaliex dan jista' jkun soġġett għal bidla u kif il-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq tiġi infurmata fil-każ li ż-żmien stmat ma jkunx għadu validu.
viii. Dikjarazzjoni rigward l-obbligi tal-persuna li tirċievi l-komunikazzjoni skont l-Artikolu 3(3)(f) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960	Rekord tad-dikjarazzjoni li tispjega lill-persuna li tirċievi l-komunikazzjoni l-obbligi li japplikaw għall-pussess ta' informazzjoni privileġġjata, skont il-punti (b), (c) u (d) tas-subparagrafu 1 tal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.
ix. Konferma tal-kunsens skont l-Artikolu 3(3)(g) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960	Rekord tal-informazzjoni dwar il-kunsens tal-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq li tirċievi l-informazzjoni privileġġjata, kif issir referenza fil-punt (a) tas-subparagrafu 1 tal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 (talba u tweġiba).
x. Divulgazzjoni tal-informazzjoni skont l-Artikolu 3(3)(h) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960	Deskrizzjoni tal-informazzjoni divulgata għall-iskopijiet tas-sondaġġ tas-suq, l-identifikazzjoni tal-informazzjoni titqies bħala informazzjoni privileġġjata.

ANNEX II

Mudell għall-minuti u n-noti bil-miktub li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 6(2)(d) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960 meta tiġi żvelata informazzjoni privileġġjata

Partita	Kaxxa tat-test
i. Identità tal-parteċipant fis-suq li jagħmel żvelar	L-ismijiet <i>sħaħ</i> tal-parteċipant tas-suq li jagħmel żvelar u tal-persuna fi ħdan il-parteċipant fis-suq li jagħmel żvelar li jipprovdi l-informazzjoni u d-dettalji tal-kuntatt użati għall-komunikazzjoni.
ii. Identità tal-persuna li tirċievi l-komunikazzjoni	Isem <i>sħiħ</i> tal-persuna li tirċievi l-komunikazzjoni u d-dettalji tal-kuntatt użati għall-komunikazzjoni
iii. Data u l-ħin tal-komunikazzjoni	Data u l-ħin(ijiet) tal-komunikazzjoni biż-żona tal-ħin speċifikata.
iv. Kjarifika dwar in-natura tal-konverżazzjoni skont l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960	Rekord tad-dikjarazzjoni li l-komunikazzjoni ssir għall-iskopijiet ta' sondaġġ tas-suq.
v. Konferma tal-identità skont l-Artikolu 3(4)(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960	Rekord tal-informazzjoni dwar il-konferma mill-persuna kkuntattjata li l-parteċipant fis-suq li jagħmel żvelar qiegħed jikkomunika mal-persuna fdata mill-investitur potenzjali li jirċievi s-sondaġġ tas-suq.
vi. Kjarifika skont l-Artikolu 3(4)(d) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960 li mhux se tkun komunikata informazzjoni privileġġjata.	Rekord tad-dikjarazzjoni li tikkjarifika li, jekk taċċetta li tirċievi s-sondaġġ tas-suq, il-persuna li tirċievi l-komunikazzjoni tal-informazzjoni sejra tirċievi l-informazzjoni li l-parteċipant fis-suq li jagħmel żvelar ma jikkunsidrax bħala informazzjoni privileġġjata u referenza għall-obbligu stipulat fl-Artikolu 11(7) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.
vii. Konferma tal-kunsens skont l-Artikolu 3(4)(e) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960	Rekord tal-informazzjoni dwar il-kunsens tal-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq biex tipproċedi bis-sondaġġ tas-suq (talba u tweġiba).
viii. Żvelar tal-informazzjoni skont l-Artikolu 3(4)(f) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/960	Deskrizzjoni tal-informazzjoni divulgata għall-iskopijiet tas-sondaġġ tas-suq.

ANNEX III

Mudell għar-reġistrar tal-komunikazzjoni mogħtija skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 biex il-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq tiġi infurmata li l-informazzjoni divulgata ma tkunx għadha informazzjoni privileġġjata

Partita	Kaxxa tat-test
i. Identità tal-parteċipant fis-suq li jagħmel żvelar	<i>L-ismijiet sħaħ tal-parteċipant tas-suq li jagħmel żvelar u tal-persuna fi ħdan il-parteċipant fis-suq li jagħmel żvelar li jipprovdi l-informazzjoni u d-dettalji tal-kuntatt użati għall-komunikazzjoni.</i>
ii. Identità tal-persuna li tirċievi l-komunikazzjoni	<i>Isem sħiħ tal-persuna li tirċievi l-komunikazzjoni u d-dettalji tal-kuntatt użati għall-komunikazzjoni</i>
iii. Data u l-ħin tal-komunikazzjoni	<i>Data u l-ħin(ijiet) tal-komunikazzjoni biż-żona tal-ħin speċifikata.</i>
iv. Identifikazzjoni tat-tranżazzjoni	<i>Informazzjoni għall-identifikazzjoni tat-tranżazzjoni li kienet suġġetta għas-sondaġġ tas-suq. Din tista' tinkludi informazzjoni dwar it-tip ta' tranżazzjoni, eż. IPO, offerta sekondarja, amalgamazzjoni, kummerċ ta' blokki, ippjazzar privat, żieda fis-sehem kapitali.</i>
v. Data u l-ħin tas-sondaġġ tas-suq	<i>Informazzjoni dwar id-data u l-ħin meta kienet ġiet żvelata l-informazzjoni privileġġjata bħala parti mis-sondaġġ tas-suq</i>
vi. Komunikazzjoni li l-informazzjoni ma tkunx għadha informazzjoni privileġġjata	<i>Dikjarazzjoni li tinforma lir-riċipjent tas-sondaġġ tas-suq bil-fatt li l-informazzjoni żvelata ma tkunx għadha informazzjoni privileġġjata.</i>
vii. Data ta' meta l-informazzjoni ma tkunx baq-għet informazzjoni privileġġjata	<i>Id-data indikata lir-riċipjent tas-sondaġġ tas-suq bħala d-data meta l-informazzjoni żvelata bħala parti mis-sondaġġ tas-suq ma kinitx baq-għet informazzjoni privileġġjata.</i>